A.L. 285 ta' l-2001

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti ta' l-2001 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-Kap. 31.

2. It-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, fit-Taqsima B tagħha, minnufih wara l-*Isem Internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf* "SPA, LEFETAMINE" għandu jidħol l-isem ġdid "TRAMADOL" flimkien ma' l-*Isem Kimiku* korrispondenti "(±)-trans-2-Dimethylaminomethyl-l-(3-methoxyphenyl) cyclohexanol."